KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL
15 Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana FRN1483
Telephone No. 21 235523, 21 236951 Fax No. 21 237723

4 ta' Novembru 2013

## LAQGĦA TAL-KUNSILL

**Minuti tas-Sitta u Ghoxrin (26) laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana**

Is-Sindku sejjah is-Sitta u Ghoxrin (26) Laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana, li nzammet **nhar it-Tnejn 4 ta' Novembru 2013 fil-5.30pm,** b'din l-agenda:

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti imqajjma mill-minuti
3. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
4. Mistoqsijiet lis-Sindku
5. Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati
6. Rapporti minn Ufficjali tal-Kunsill
7. Approvazzjoni ta' Ħlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji
8. Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet
9. Parkegg tad-Dipartiment tal-Kura Primarja
10. Dlam fi Gnien Il-Mall
11. Floriana Business Community
12. Koordinaturi tat-triq
13. Evalwazzjoni ta` Offerti
14. Celebrazzjoni Nazzjonali ta Lejliet l-Ewwel tas-Sena
15. Bankini u Asfaltar Balzunetta
16. Attivitajiet fil-Milied ghall-Anzjani
17. Genna ta Gonna... u Hafna Aktar!
18. Latrini ta' Bieb il-Bombi
19. Hlasijiet mill-gvern ta' xogholijiet fi Triq l-Argotti / Triq l-Iljun
20. Gabbana Centru Rikreattiv Re Gorg V
21. Ambaxxatur fil-Kunsil Lokali
22. Aggornament tal-Laqgha

Ghas-Sitta u Ghoxrin (26) laqgha tas-Sitt Kunsill kien hemm prezenti **is-Sindku Nigel Holland, il-Kunsillier Vincent Borg u l-Kunsilliera Davina Sammut Hili flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv assistit mill-iskrivana E. Theuma.**

**Il-Vici Sindku Matthew Paris attenda waqt materja nru 1.1.**
**Il-Kunsillier Edward Torpiano attenda wara materja nru 1.2.**

**Bidu tal-laqgha:**
Il-laqgha nfethet permezz ta' talba zghira mis-Sindku Nigel Holland.

## 1.0 Approvazzjoni tal-Minuti

1.1. Il-minuti tal-erbgha u ghoxrin (24) laqgha tal-Kunsill gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha u ghaldaqstant gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

**Nota: 17:31 Il-Vici Sindku Matthew Paris attenda ghal-laqgha.**

1.2 Ittiehed vot favur l-approvazzjoni tal-minuti msemmija f'1.1 wara li tressqet mozzjoni mill-Kunsillier Vincent Borg u ssekondata mill-Kunsilliera Davina Sammut Hili, bir-rizultat kien:

Favur: 3 (VB, DSH, NH)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 1 (MP)

1.3 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li r-raguni ghalfejn kien qed jastjeni mill-approvazzjoni tal-minuti kienet minhabba l-fatt li hu ma kienx prezenti ghal-laqgha msemmija.

1.4 Konsegwentament gew iffirmati l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill mis-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

**Nota: 17:32 Il-Kunsillier Edward Torpiano attenda ghal-laqgha.**

1.5 Il-minuti tal-hamsa u ghoxrin (25) laqgha tal-Kunsill gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha u ghaldaqstant gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

1.6 Il-Vici Sindku Matthew Paris ressaq il-korrezzjoni ta' materja nru 9.4 li ghandha taqra "Is-Sindku ressaq il-proposta tal-G7 ghall-organizzazzjoni tal-attivita, liema proposta kienet gholja wisq. Hu ..... "

1.7 Il-Vici Sindku Matthew Paris ghamel riferenza ghall-materji nru 9.15 u 9.16 u qal li dawn il-materji qed jaghtu impressjoni li l-Kunsill kien ha xi decizjoni finali dwar l-attivita' kkoncernata. Huwa zied jghid li l-Kunsill kien qabel li ghandu jitkellem mal-organizzatur u wara d-diskussjoni, ghandu jitressaq programm finali biex jigi approvat quddiem il-Kunsill.

1.8 Is-Sindku Nigel Holland qal li hu ma jaqbilx ma' din l-interpretazzjoni u qal li xortawahda wiehed ma setax jistenna sa Novembru sabiex jikkonferma u jibbukkja lil dawk li se jiehdu sehem matul l-attivita' ladarba l-attivita' kienet ser tittella' f'inqas minn xahrejn ohra.

1.9 Ghalhekk il-Vici Sindku Matthew Paris ressaq il-korrezzjoni ta' materja nru 9.16 li ghandha taqra "...sabiex jigi approvat". Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

1.10 Il-minuti msemmija f'1.5 gew approvati unanimament, wara li tressqet mozzjoni mill-Kunsillier Edward Torpiano u ssekondata mill-Vici Sindku Matthew Paris. Konsegwentament gew iffirmati l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill mis-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

1.11 Il-minuti tal-laqgha straordinarja tal-Kunsill gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha u ghaldaqstant gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

1.12 Ittiehed vot favur l-approvazzjoni tal-minuti msemmija f'1.11 wara li tressqet mozzjoni mill-Kunsillier Edward Torpiano u ssekondata mill-Kunsillier Vincent Borg, bir-rizultat kien:

Favur: 3 (ET, VB, NH)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 2 (DSH, MP)

1.13 Il-Vici Sindku Matthew Paris u l-Kunsilliera Davina Sammut Hili ddikjaraw li r-raguni ghalfejn kienu qed jastjenu mill-approvazzjoni tal-minuti kienet minhabba l-fatt li huma ma kienux prezenti ghal-laqgha msemmija.

1.14 Konsegwentament gew iffirmati l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill mis-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

## 2.0 Punti imqajjma mill-minuti

2.1 Il-Vici Sindku Matthew Paris ghamel riferenza ghall-materja nru 9.25 (25) u saqsa jekk infetahx l-arbitragg. Is-Sindku Nigel Holland wiegeb li l-Kunsill kellu jmur ghall-arbitragg minhabba l-ftehim li l-Kunsill kellu mas-Sur Justin Attard. Is-Sindku kompla billi qal li s-Sur Attard ma kienx gie ghall-ewwel seduta. Il-Vici Sindku ppropona li l-Kunsill jitlob ghal sekwestru kawtelatorju. Il-Kunsill qabel.

2.2 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 3.3 (25) u saqsa jekk il-Kunsill kellux xi risposta. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li l-ittra kienet intbaghtet izda l-Kunsill ma kien ghad kellu l-ebda risposta.

## 3.0 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

3.1 Is-Sindku Nigel Holland beda billi ta prosit lill-Kunsilliera Davina Sammut Hili u lis-sottokumitat ghall-Avvanz tal-Mara ghall-attivita' li ttellghet flimkien mal-Europa Donna. Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili nformat li matul l-attivita' ngabru €300 sabiex tkompli titkattar l-edukazzjoni dwar l-gharfien tal-kancer tas-sider u anke gie suggeriet li din l-attivita' tibda' ssir kull sena, fit-tieni Hadd ta' Novembru. Il-Kunsill qabel li l-attivita' tibda' ssir b'mod annwali.

3.2 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghall-arblu li kellu jitwahhal fi Triq Sant'Anna u ssuggerixxa li minflok fil-post maqbul originarjament, ghandu jitwahhal minflok il-palma li tnehhiet minn quddiem il-Kazin Laburista. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

3.3 Is-Sindku Nigel Holland informa li kienet ser tinzamm laqgha ghall-kunsilliera kollha ta' Malta u saqsa jekk kienx hemm xi hadd mill-kunsilliera li kien interessat jattendi. Il-Vici Sindku Matthew Paris u l-Kunsillier Vincent Borg esprimew l-interess li jattendu ghal-laqgha msemmija.

3.4 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand l-Agenzija Zghazagh fejn offrew lill-Kunsill sabiex jipproponi lil zghazugh/a mil-lokalita' ghall-Kunsill Nazzjonali taz-Zghazagh. Il-Kunsill qabel li ghandu jiehu hsieb jipproponu lil xi hadd.

3.5 Is-Sindku Nigel Holland ressaq talba minghand Sur A Sacco sabiex jarma mini train fuq il-Fosos matul il-granet tal-Karnival. Is-Segretarju Ezekuttiv spjega li f'dawn l-ahhar snin dejjem inqata' permess ghal mini train fuq il-Fosos u anke jekk dan ma giex armat, il-Kunsill ma jistax jirrevoka dan il-permess biex jaghti l-istess permess lill-persuna kkoncernata. Il-Vici Sindku Matthew Paris ippropona li tigi avvicinata din il-persuna biex il-Kunsill joffrilha tarma matul iz-zmenijiet tal-Milied.

3.6 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ssuggeriet li l-Kunsill jorganizza trasport ghar-residenti li jkunu jixtiequ jiehdu sehem fil-Presidents Fun Run li ser tinzamm dalwaqt. Il-Kunsill ma qabilx minhabba li diga jigi offrut trasport mill-organizzaturi tal-fun run. Il-Kunsill qabel li ghandu johrog avviz

fejn jinforma lir-residenti bis-servizz tat-trasport offrut.

3.7 Is-Sindku Nigel Holland ippropona li l-Kunsill jiehu hsieb li jintnefhu l-bziezaq u li jintefghu mir-residenti li hemm fi Pjazza Sant'Anna u Triq Sant'Anna bhalma jsir b'mod annwali. Il-Kunsill qabel.

3.7.1 Il-Vici Sindku Matthew Paris gibed l-attenzjoni tal-Kunsill ghall-fatt li m'ghandhomx jintefghu bziezaq min-naha tal-pompa tal-petrol minhabba li l-fun run tghaddi min-naha l-ohra tat-triq. Il-Kunsill qabel.

3.8 Is-Sindku Nigel Holland ressaq talba minghand resident li offra lill-Kunsill sabiex jirranga l-parti tal-bankina li hemm quddiem il-garaxx tieghu. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni bil-kundizzjoni li x-xoghol jigi ccertifikat mill-Perit tal-Kunsill u li ssir konsultazzjoni soddisfacenti mieghu qabel ma jibda' x-xoghol u waqt li jkun qed isir ix-xoghol.

3.9 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand Karl De Flavia fejn ikkontesta d-default notice mahruga mill-Kunsill. Il-Kunsill qabel kif gej: li jilqa' l-ewwel, it-tieni u r-raba kontestazzjoni ladarba ma setghux jigu vverifikati izda ma jilqax it-tielet u l-hames kontestazzjoni. Il-Kunsill ma qabilx li ghandu jilqa' l-kontestazzjoni fir-rigward tal-gheluq tas-subways u dan minhabba li l-kuntrattur huwa obbligat jinforma lill-Kunsill jekk is-subways ma jkunux qed jinghalqu.

3.10 Il-Kunsill qabel ukoll li ghandu jinsisti mal-Gvern Centrali li l-Kunsill kien qed jaghti servizz hu nnifsu minkejja li s-subways ma kienux jaqghu taht ir-responsabbilta' tal-Kunsill. Ghalhekk il-Kunsill ihoss li l-Gvern Centrali ghandu jaghmel il-manutenzjoni necessarja sabiex jekk huwa il-kaz, il-bibien jigu rrangati biex jinghalqu sewwa. Il-Kunsill qabel.

3.11 Is-Sindku Nigel Holland ippropona li sakemm jigu rrangati il-biben tas-subways fi Triq Sant'Anna, il-Kunsill ghandu jittermina s-servizz tal-gheluq tal-biben. Wara mozzjoni mressqa mis-Sindku Nigel Holland favur din il-proposta, issekondat mill-Kunsilliera Davina Sammut Hili, ittiehed vot, bir-rizultat kien:

Favur: 5 (NH, DSH, Mp, VB, ET)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

3.12 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand Frans Mifsud fejn offra lill-Kunsill servizz sabiex jinqabdu l-hamiem mil-lokalita', ghall-prezz ta' €40 kull tefgha u €1 kull hamiema li tinqabad. Il-Kunsill qabel li ghandu jilqa' din l-offerta' u jipproponi li l-ewwel tefgha ssir hdejn il-Young Falcons Club.

3.13 Is-Sindku Nigel Holland ressaq talba minghand l-impjegat tal-Kunsill, Godwin Azzopardi fejn talab li minhabba kors universitarju li qed jattendi, jinghata koncessjoni jitlaq kwarta kmieni tliet darbiet fil-gimgha. Il-Kunsill ma qabilx li jilqa' din it-talba izda qabel li ghandu joffri lill-impjegat il-flessibilita' li jidhol qabel meta jkollu bzonn johrog qabel.

3.14 Is-Sindku Nigel Holland ressaq talba minghand l-impjegat tal-Kunsill, Godwin Azzopardi fejn talab li minhabba r-ragunijiet imsemmija f'nru 3.13, jinghata special leave mill-Kunsill sabiex ikun jista' jattendi xi seminars specjali li jsiru matul il-gurnata. Il-Kunsill ma laqax it-talba.

3.15 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li kienu nfethu n-nominazzjonijiet ghall-Premju Kerygma – Zghazugh tas-Sena. Il-Kunsill qabel li l-kunsilliera ghandhom jinghataw tliet ijiem cans sabiex jinnominaw lil xi hadd.

3.16 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand is-Socjeta' Filarmonika Vilhena. Il-Kunsill qabel li din il-korrispondenza ghandha tigi diskussa fil-laqgha li jmiss.

## 4.0 Mistoqsijiet lis-Sindku

4.1 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ghamlet riferenza ghall-ammont kbir ta' hmieg li qed ikun hemm fi Triq il-Miratur u talbet li jsir xi haga. Is-Sindku Nigel Holland qal li jinsab informat li hemm resident partikolari li qed jikkontribwixxi hafna ghall-hmieg kbir li qed ikun hemm f'din it-triq u qal li kien ser jaghmel rapport ufficjali lis-Supretendent fl-Ghassa tal-Belt Valletta u jesiegi li tittiehed kull azzjoni necessarja.

4.2 Il-Vici Sindku Matthew Paris saqsa min jiehu hsieb il-kultura u ghamel riferenza ghal memo li nharget rigward l-allokazzjoni ta' fondi mill-Unjoni Ewropea. Huwa zied jghid li kien qed isegwi din il-memo u qal li kien ser jitkellem mas-Segretarju Parlamentari dwar l-uzu ta' dawn il-fondi ghall-infrastruttura tal-lokalita'.

4.3 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili saqsiet meta ser jibda l-kuntratt tal-Perit il-gdid tal-Kunsill. Is-Segretarju Ezekuttivb wiegeb li l-Perit il-gdid ghandu jibda' mill-ewwel ta' Dicembru.

4.4 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ghamlet riferenza ghall-bankini ta' Triq San Frangisk u saqsiet jekk il-Kunsill jistax jibghat lill-haddiema manwali tal-Kunsill sabiex inaddfu l-bankini bl-actu. Il-Kunsillier Vincent Borg qal li l-unika problema hija s-supply tal-ilma.

4.5 Il-Vici Sindku Matthew Paris ghamel riferenza ghall-*bush hammering* ta' Triq il-Kapuccini. Is-Sindku qal li kien iddizappuntat rigward din il-materja minhabba li ghadu ma giex ikkonfermat ix-xoghol. Il-Vici Sindku Matthew Paris ippropona li z-zona tinqasam f'patches u li jigu nformati r-residenti meta u kif ser isir ix-xoghol. Il-Vici Sindku Matthew Paris irrimarka li ser ikompli jahdem fuq il-materja.

**Nota: 18:45 Il-Kunsillier Edward Torpiano talab li jkun skuzat.**

## 5.0 Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati

5.1 Ma kien hemm l-ebda rapporti jew minuti tal-Kumitati / Sottokumitati.

## 6.0 Rapporti minn Ufficjali tal-Kunsill

6.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq ir-rapport ta' DHI Periti rigward is-sala tad-Dar tal-Kunsill. Is-Sindku Nigel Holland ippropona li l-Kunsill jitlob lill-Gvern Centrali sabiex jibghat il-periti tieghu biex jiccekkjaw u dan minhabba li d-Dar tal-Kunsill hija mikrija u m'hijiex proprjeta' tal-Kunsill. Is-Sindku sostna li l-hsara ghandha titranga mill-Gvern Centrali u mhux mill-fondi tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li r-rapport tal-periti tal-Kunsill ghandu jintbaghat lid-Dipartiment tal-Artijiet fejn il-Kunsill jinformahom bis-sitwazzjoni u jitlobhom sabiex jibghatu l-periti taghhom biex jinvestigaw u jaraw x'jista' jsir.

## 7.0 Approvazzjoni ta' Hlas ta' Kontijiet Pendenti u Materji Finanzjarji

7.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta l-iskedi ta' pagamenti bir-referenza 86-05, li gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha.

**Nota: 18:53 Il-Kunsillier Edward Torpiano rega' attenda ghal-laqgha.**

7.2 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili saqsiet jekk il-fossa trangatx. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb fil-pozittiv.

7.3 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li hu kien ser jivvota favur l-iskeda ta’ pagamenti izda kien ser jastjeni mill-pagamenti nru. 11636,11689,11700-02,11724,11733-4, minhabba kunflitt t’interess.

7.4 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Vincent Borg u ssekondat mill-Kunsilliera Davina Sammut Hili, ittiehed vot favur l-approvazzjoni tal-hlasijiet ta’ kontijiet pendenti indikati bhala cekk nru 11636 sa 11745, bir-rizultat:

Favur: 4 (VB, DSH, NH, MP)
Kontra : 0
Astensjonijiet: 1 (ET)

7.5 Ghaldaqstant, l-iskeda ta' pagamenti sabiex jigu approvati l-hlasijiet għaddiet u giet iffirmata mis-Sindku, minn zewg kunsillieri u mis-Segretarju Ezekuttiv.

**Nota: 18:50 Is-Sindku Nigel Holland talab li jkun skuzat.**

7.6 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill li kienu saru xi testijiet minhabba li l-pompa tal-gnien ma kinietx qed tixghel u rrizulta li hemm xi wire maqtugh minn that l-art. Huwa qal li kien gab kwotazzjoni minghand Karl De Flavia li kienet tammonta ghal €400 jekk il-hsara tkun fl-ewwel parti, u €700 jekk ikollu jinbidel il wire kollu. Din kienet ghax-xoghol manwali u teskludi l-materjal.

**Nota: 18:56 Is-Sindku Nigel Holland rega’ attenda ghal-laqgha.**

7.6.1 Il-Kunsill qabel li ghandu japprova din il-kwotazzjoni bil-kundizzjoni li x-xoghol jigi ccertifikat.

## 8.0 Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet

**26/1 –** *Mozzjoni sabiex il-Kunsill Lokali Floriana jwaqqaf dak li ghandu jisejjah bhala* Hall-of-Fame Committee.

*Il-funzjonijiet ta’ dan il-kumitat huwa li johrog bl-lista ta’ hmistax il-persuna u/jew avvenimenti (li jinkludu avvenimenti Religjuzi izda jeskludu attivitaijiet partigjani) li sehhew fuq il-Fosos, u li l-aktar iddistingwew ruhhom.*

*Illi din il-lista ghandha issir pubblika, u tintbghat f’kull residenza gewwa l-Floriana.*

*Illi kull residenza jkollha l-opportunita li tivvota ghall-mhux aktar minn ghaxar ismijiet/avvenimenti, hekk kif maghzula mill-kumitat.*

*Illi l-aktar ghaxar persuni/avvenimenti li jgibu voti ghandhom jitpoggew fil-lista maghrufa bhala Fosos Hall of Fame.*

*Illi kull persuna/avveniment li jifforma parti mill-lista, ghandu jigi jnaqqax fuq irhama, u tali irhama titwahhal fuq il-bankina mad-dawra tal-fosos.*

Proponent – Matthew Paris ______________________
Datata – 7 t` Ottubru 2013

Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li din kienet l-ikbar pjazza go Malta li ospitat avvenimenti kbar li graw f'Malta.

Wara mozzjoni mressqa mill-Vici Sindku Matthew Paris, favur l-approvazzjoni ta' din il-mozzjoni, issekondata mill-Kunsillier Edward Torpiano, ittiehed vot bir-rizultat kien:

Favur: 5 (MP, ET, VB, DSH, NH)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

---

**26/2 –** *Mozzjoni sabiex iz-zewg mozzjonijiet li diga gew approvati, u cjoe dwar espressjoni ta interess sabiex jigi provdut servizz digitali ta televizjoni fil-Floriana, u dwar espressjoni ta interess li jigi installat pixxina gewwa l-gnien Re Gorg V, jinsaru sejhiet pubblici (stante li l-kunsill mhux awtorizzat li johrog espressjonijiet ta interess)*

Proponent – Matthew Paris ______________________
Datata – 18 t` Ottubru 2013

Wara mozzjoni mressqa mill-Vici Sindku Matthew Paris, favur l-approvazzjoni ta' din il-mozzjoni, issekondata mill-Kunsillier Edward Torpiano, ittiehed vot bir-rizultat kien:

Favur: 5 (MP, ET, VB, DSH, NH)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

---

## 9.0 Parkegg tad-Dipartiment tal-Kura Primarja

9.1 Is-Sindku Nigel Holland saqsa jekk il-Kunsill kellux f'idejh il-linji gwida ta' Transport Malta. Il-Kunsillier Vincent Borg ikkonferma li l-linji gwida kienu waslu ghand il-Kunsill.

9.2 Is-Sindku ghalhekk saqsa jekk il-linja gwida jeskludux li dawn id-dipartimenti jkollom parkeggi riservati. Il-Kunsillier Vincent Borg wiegeb li dawn id-dipartimenti ma kienux inkluzi mal-lista ta' dipartimenti li huma eligibbli ghall-parkeggi riservati.

9.3 Ghalhekk is-Sindku Nigel Holland ippropona li l-parkeggi riservati li hemm quddiem id-Dipartiment tal-Kura Primarja u li ma kienux skont il-linji gwida ta' Transport Malta ghandhom jitnehhew u jsiru spazji ta' parkeggi generali. Il-Kunsill qabel.

9.4 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghal artiklu li kien hemm fuq gurnal lokali il-gurnata ta' qabel u qal li l-parking area ta' magenb il-Ministeru ghat-Trasport u l-Infrastruttura kienet qed tinghalaq. Il-Kunsillier Vince Borg irrimarka li hu ser iwiegeb l-artiklu, Il-Kunsill qabel u zied li ghandu jinforma li din kienet zona amministrattiva u ghalhekk il-ministeru kellu d-drittijiet kollha fuq din iz-zona.

## 10.0 Dlam fi Gnien Il-Mall

10.1 Il-Kunsillier Vincent Borg fetah id-diskussjoni billi qal li hu kien prova jikkuntattja lill-ELC kemm-il darba izda kien baqa' minghajr risposta.

10.2 Is-Sindku Nigel Holland ippropona li l-Kunsill ghandu jitkellem mal-Ministru kkoncernat u dan minhabba li s-sitwazzjoni kien hemm bzonn li tigi rizolta. Is-Sindku talab lill-Kunsillier Vince Borg biex jara li jkellem lill-Ministru Joe Mizzi fuq din is-sitwazzjoni.

10.3 Is-Sindku qal ukoll li hu kien ser jipproponi li ssir konferenza stampa jekk is-sitwazzjoni tibqa' l-istess u ma tigix rizolta minnufih.

10.4 Ghalhekk il-Kunsill qabel li ghandu jsir l-ahhar tentattiv billi jitkellem mal-Ministru Joe Mizzi rigward dan l-inkonvenjent u f'kaz li jibqa' ma jsir xejn, ghandha ssir konferenza stampa rigward is-sitwazzjoni prezenti fi Gnien il-Mall.

## 11.0 Floriana Business Community

11.1 Il-Vici Sindku Matthew Paris ressaq numru ta' applikazzjonijiet minghand negozji fil-Floriana li xtaqu jissiehbu fil-kumitat kif ukoll fil-Floriana Business Community.

11.2 Il-Vici Sindku kompla billi qal li kienu sar tliet laqghat s'issa u grazzi ghal dan l-ezercizzju, il-Kunsill issa kellu lista ta' nies li joperaw minn gol-lokalita'.

11.3 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal ukoll li kien gie maqbul li sal-ahhar ta' Novembru ssir laqgha ohra fejn matulha jigi pprezentat l-istatut u wara tkun tista' tinzamm laqgha generali annwali li tifforma l-Floriana Business Committee.

## 12.0 Koordinaturi tat-triq

12.1 Il-Vici Sindku Matthew Paris fetah id-diskussjoni billi prezenta rapport li jikkoncerna din l-inizjattiva.

12.2 Il-Vici Sindku kompla billi qal li s'issa kien hemm hames koordinaturi u li kien wasal iz-zmien sabiex terga' tinhareg is-sejha li jmiss ghal min huwa interessat jifforma parti. Il-Kunsill qabel li ghandu jerga' johrog is-sejha.

12.3 Il-Vici Sindku qal ukoll li hu jahseb li dan il-progett kien halla frott u mil-laqghat kienu hargu diversi punti importanti.

12.4 Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jistieden lill-koordinaturi tat-triq ghar-riceviment annwali tal-21 ta' Jannar bhala ringrazzjament tax-xoghol siewi taghhom. Il-Kunsill qabel.

12.5 Is-Sindku ppropona wkoll li l-koordinaturi jzommu konnessjoni diretta mal-istaff amministrattiv tal-Kunsill u dan sabiex tizdied l-efficjenza. Il-Vici Sindku qal li hu jipprova jiffacilita x-xoghol kemm jista' jkun u allura l-ilmenti minghand il-koordinaturi tat-triq johodhom hu u jghaddihom lill-istaff huwa stess.

**Nota: 19:26 Is-Sindku Nigel Holland talab li jkun skuzat.**

## 13.0 Evalwazzjoni tal-offerti

### 13.1 Live Streaming

13.1.1 Il-Vici Sindku Matthew Paris qara r-rapport preparat mill-konsulent imqabbad mill-Kunsill, is-Sur Stephen Barbara.

**Nota: 19:32 Is-Sindku Nigel Holland rega' attenda ghal-laqgha.**

13.1.2 Il-Kunsillier Edward Torpiano ressaq mozzjoni issekondata mill-Kunsillier Vincent Borg, sabiex tintaghzel l-offerta' ta' Smart ICT fuq rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Ghazla u skont ir-rapport tas-Sur Stephen Barbara peress li kienet l-offerta' mitfugha kienet tilhaq l-ispecifikazzjonijiet kollha mitluba, bir-rizultat kien:

Favur: 5 (ET, VB, MP, DSH, NH)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

### 13.2 Konsulent legali

**Nota: 19:36 Il-Vici Sindku Matthew Paris talab li jkun skuzat.**

13.2.1 Il-Kunsillier Vincent Borg talab sabiex ir-rapport tal-offerti jibda' jigi pprezentat qabel il-laqgha u dan sabiex il-kunsilliera jkunu jistghu jigu ppreparati.

**Nota: 19:41 Il-Vici Sindku Matthew Paris rega' attenda ghal-laqgha.**

13.2.2 Wara diskussjoni li saret rigward it-tariffa, il-Vici Sindku Matthew Paris ippropona li l-Kunsill jikteb lill-kamra tal-Avukati u jistaqsi jekk wiehed jistax jitfa' rata inqas minn dik stipulata fil-ligi. Il-Kunsill ma qabilx.

13.2.3 Il-Kunsillier Vincent Borg ressaq mozzjoni issekondata mill-Kunsilliera Davina Sammut Hili, sabiex tintaghzel l-offerta' ta' Dr Joseph Zammit fuq rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Ghazla peress li kienet l-orhos offerta' mitfugha kompluta u skont l-ispecifikazzjonijiet kollha mitluba, bir-rizultat kien:

Favur: 3 (VB, DSH, NH)
Kontra: 1 (ET)
Astensjonijiet: 1 (MP)

13.2.4 Il-Vici Sindku Matthew Paris talab li jigi rrekordjat fil-minuti li r-raguni ghalfejn kien qed jastjeni mill-vot kienet minhabba kunflitt t'interess fir-rigward tal-offerenti.

### 13.3 Street sweeping

13.3.1 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ressqet mozzjoni issekondata mill-Kunsillier Edward Torpiano sabiex tintaghzel l-offerta' ta' WM Environmental fuq rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Ghazla u wara parir legali mitlub mill-Avukat tal-Kunsill peress li kienet l-irhas offerta' li kienet kompluta, li kellha kollox irregoralizzat, skont il-ligi u li tilhaq ir-rekwiziti kollha, bir-rizultat kien:

Favur: 5 (DSH, ET, NH, VB, MP)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

## 14.0 Celebrazzjoni Nazzjonali ta' Lejlet l-Ewwel tas-Sena

14.1 Il-Vici Sindku fetah id-diskussjoni billi qal li hu kien ha l-impressjoni li fil-laqgha precedenti ma kienet ittiehdet l-ebda decizjoni dwar fejn ser issir l-attivita' u kif ser issir l-attivita' u kien minghalih li l-Kunsill kellu jitkellem ma' Noel Castillo sabiex jipproponi programm bil-budget tal-Kunsill li kellu jghaddi ghall-approvazzjoni tal-Kunsill.

14.2 Il-Vici Sindku qal li hu jhossu ffastidjat li sar Facebook group ghal din l-attivita' minghajr ma kien jaf x'ser jigri u minghajr ma kienx hemm programm approvat mil-Kunsill. Huwa qal li hu ma jaqbilx mal-lineup li gie kkonfermat u lanqas mal-mod kif qed tigi rreklamata l-attivita'.

14.3 Il-Vici Sindku qal ukoll li hu jhoss li l-Kunsill ghandu jinvesti f'band jew performer wiehed tajjeb minflok ma jqabbad diversi performers.

14.4 Il-Vici Sindku kompla billi qal li ma jhossx li hu gust u jhoss li hu prematur li ttiehdu dad-decizjonijiet minghajr ma gew diskussi mill-Kunsill.

14.5 Il-Vici Sindku zied jghid ukoll li hu fil-laqgha precedenti kien offra sabiex jghin f'din l-attivita' u ghalhekk kien ghamel kuntatt mal-Guinness Book of Records fejn gie l-hsieb li jsir Beer Tasting Attempt matul din l-attivita'. Huwa qal li kien issottometta l-applikazzjoni ghal dan l-attentat f'isem il-Kunsill u qal li ghandu jitkellem ukoll ma' kumpanija magguri li timporta x-xorb sabiex joffrilhom li jiehdu f'idejhom dan ir-rekord.

14.6 Il-Vici Sindku Matthew Paris ippropona wkoll li matul il-beer tasting attempt ma jkun hemm l-ebda performer on stage u ppropona li minflok ikun hemm fire jugglers iduru fit-triq simili ghal dawk li hadu sehem fl-attivita' tas-sena l-ohra.

14.7 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghall-punti mqajjma mill-Vici Sindku iktar kmieni sostna li kull pass lis ar kien skont kif miftiehem fil-Kunsill. Fir-rigward tal-programm, is-Sindku qal li kienet saret laqgha fuq dan apposta mas-Sur Noel Castillo izda kienu attendew hu, u l-Kunsillier Edward Torpiano biss. Qal li l-proposti li waslulu mill-Vici Sindku, li rrikonoxxa li ma setax ikun prezenti ghax kien imsiefer, xorta wahda gew diskussi fit-tul, izda id-decizjonijiet kellhom jittiehdu ghax iz-zmien kien qied jaghfas sew. Kien difficli biex il-Kunsill igib band wahda tajba bil-budget li kellu l-Kunsill. Huwa qal li ghalkemm jaqbel mal-proposta tal-Vici Sindku, sfortunatament ma kienx hemm bizzejjed finanzi biex il-Kunsill ikun jista' jipprocedi b'dak il-mod.

14.8 Il-Vici Sindku qal li hu jirrikonoxxi l-punti mqajjma mis-Sindku izda hu xorta jhoss li l-line up propost m'huwiex wiehed konvincenti.

14.9 Is-Sindku qal li l-lineup kien intlaqa' tajjeb anke wara li kien tkellem ma kuntrattur fejn kien wera interess fl-esklussivita' tal-bejgh ta' xorb matul l-attivita'.

14.10 Is-Sindku Nigel Holland ippropona wkoll li jinholoq tip ta' ristorant fi Triq Sant'Anna fejn dawk li jattendu jkunu jistghu jibbukkjaw minn qabel sabiex ikunu jistghu jieklu u jixorbu fir-ritstorant propost matul l-attivita'.

**Nota: 20:30 Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li jestendi l-laqgha tal-Kunsill b'siegha.**

14.11 Is-Sindku Nigel Holland propona li l-isponsorships li jingabru ghandhom jintuzaw ghal

grand finale tal-attivita' minhabba li dan kien l-aktar mument mistenni dakinhar. Il-Kunsill qabel.

14.12 Il-Vici Sindku Matthew Paris ippropona li jsir poster attrajenti ghall-attivita'. Is-Sindku qal li jekk hemm bzonn il-poster jigi approvat mill-Kunsill qabel ma jigi distribwit.

14.13 Il-Vici Sindku saqsa jekk tal-*funtrain* kienux ser jiehdu sehem fl-attivita' billi jipprovdu trasport bejn il-Belt Valletta u l-Floriana bhalma sar fis-sena l-ohra. Il-Kunsill qabel li ghandu jikkuntattja lill-kumpanija.

**Nota: 20:40 Il-Kunsillier Edward Torpiano talab li jkun skuzat.**

## 15.0 Bankini u Asfaltar Balzunetta

15.1 Is-Sindku Nigel Holland qal li hu kien tkellem mal-kuntrattur tal-Kunsill fejn kien informah li c-cifra pendenti telghet ghal €5000.

15.2 Is-Sindku Nigel Holland ippropona li meta jitkompla x-xoghol, il-Kunsill ghandu jibda u titlesta Triq l-Iljun (il-parti id-dejqa). Il-Kunsill qabel.

**Nota: 20:45 Il-Kunsillier Edward Torpiano rega' attenda ghal-laqgha.**

15.3 Il-Kunsillier Vincent Borg ippropona li wara li jitlesta dan ix-xoghol, jinbeda x-xoghol fuq Triq il-Konservatorju.

## 16.0 Attivitajiet fil-Milied ghall-anzjani

16.1 Il-Kunsillier Vincent Borg fetah id-diskussjoni billi saqsa lill-Kunsill jekk kienx ser jippartecipa fl-attivita` ta` l-anzjani bhalma soltu jsir. Il-Kunsill qabel li ghandu jiehu sehem.

16.2 Il-Kunsillier Vincent Borg ippropona li l-Kunsill jistieden lis-Segretarju Parlamentari Franco Mercieca sabiex jigi fid-Dar tal-Kunsill u jindirizza lill-anzjani. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

16.3 Il-Vici Sindku Matthew Paris issuggerixxa biex il-Kunsill jistieden ukoll lill-ekwivalenti tas-Segretarju Parlamentari tal-oppozizzjoni u dan sabiex ma tkunx involuta l-politika. Il-Kunsill ma qabilx mal-proposta u qabel li ghalissa ghandu jistieden biss lis-Segretarju Parlamentari Franco Mercieca.

## 17.0 Genna ta` Gonna... u Hafna Aktar!

17.1 Is-Sindku fetah id-diskussjoni billi qal li l-attivita' kienet wahda ta' success kbir u rringrazzja lill-istaff amministrattiv specjalment lill-Events Coordinator tal-impenn tieghu.

17.2 Is-Sindku ha l-opportunita' sabiex jirringrazzja wkoll lill-Kunsillier Edward Torpiano tas-sehem tieghu fl-attivita'.

## 18.0 Latrini ta' Bieb il-Bombi

18.1 Is-Sindku Nigel Holland ippropona li dawn il-latrini jinghalqu u dan minhabba l-ammont kbir ta' hmieg, vandalizmu u siringi li jkun hemm.

18.2 Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jaghmel talba lill-Gvern Centrali sabiex dawn il-latrini jibdew ikunu imharsa min-nies tal-Gvern bhalma jsir fil-latrini tal-Fgura. Il-Kunsill qabel.

## 19.0 Hlasijiet mill-gvern ta' xogholijiet fi Triq l-Argotti / Triq l-Iljun

19.1 Is-Sindku ghamel riferenza ghall-flus dovuti lill-Kunsill mill-Gvern Centrali.

19.2 Il-Kunsill qabel li ghandu jikkuntattja lil Dr Chris Said rigward din il-kwistjoni ladarba l-Kunsill kien gie mwieghed dawn il-fondi bil-miktub.

## 20.0 Gabbana Centru Rikreattiv Re Gorg V

20.1 Il-Kunsill qabel li din il-materja ghandha tigi diskussa fil-laqgha li jmiss.

## 21.0 Ambaxxatur fil-Kunsill Lokali

21.1 Is-Sindku Nigel Holland fakkar fin-nominazzjonijiet ghal Ambaxxatur fil-Kunsill Lokali.

21.2 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ipproponiet li l-Kunsill jinnomina lil Jean Zarb ghal Ambaxxatur fil-Kunsill Lokali. Il-Kunsill qabel *nem com*.

## 22.0 Aġġornament tal-laqgħa

22.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgha li jmiss ghandha ssir nhar il-Hamis 5 ta' Dicembru 2013 fil-5.30pm.

Il-laqgha ntemmet fit-20.05.

| | |
|---|---|
| Nigel Holland | Svetlick J. Flores |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |